## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2016

Appell Nru: 34/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Rudolph Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Rudolph Grima, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 236566M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fit-30 ta' Settembru, 2012, gewwa Tat-Tarag Cafe & Snack Bar, Telgha tas-Saqqaja, Rabat, jew hu jew impjegati tieghu u/jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali, jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga

jew approvati mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o), 81 u 82 tal-istess att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Jannar, 2014, li biha, wara li rat l-artikoli 55, 77(o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tmien mitt ewro (€800) u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni peress illi kienet alternattiva ghall-ewwel wahda;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Rudolph Grima, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2014, li bih talab lil din il-Qorti **thassar** id-decizjoni tal-ewwel Qorti tat-22 ta' Jannar, 2013 u b'mod alternattiv tirriforma l-piena billi timponi wahda aktar miti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. (a) Illi l-fatti dwar dan il-kaz huma s-segwenti: l-imputat jiggestixxi wine bar bl-isem Tat-Tarag Wine and Snack Bar gewwa r-Rabat kif ukoll bar

bl-isem Black Cat li jinsabu zewg metri boghod minn xulxin u huma debitament registrati mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Qua negozjant fuq bazi personali huwa jista' jkollu biss numru wiehed tal-VAT kif fil-fatt ghandu u ghalhekk jopera iz-zewg negozji fuq l-istess numru. Fit-30 ta' Settembru 2012, li kien jum il-Hadd, spetturi tad-Dipartiment kienu qieghdin jaghmlu spezzjoni fl-inhawi, dahlu fil-bar Black Cat u sabu kollox regolari izda meta accedew ghall-wine bar sabu li l-*cash register* ma kienx qed jiffunzjona u l-appellant, allura l-imputat, ikkonferma dak l-istat ta' fatt kif ukoll illi ma kellux ricevuti fiskali manwali fuq il-post. Minn ezami tal-*cash register* irrizulta li l-ahhar li kien intuza kien fis-27 ta' Settembru, igifieri jum il-Hamis, filghaxija;

(b) Wara illi l-appellant kien spjega lill-ispetturi illi l-hsara kien induna biha l-ghada, igifieri il-Gimgha 28 ta' Settembru, kien impossibli li jiehu l-*cash register* ghat-tiswija u ghalhekk, minflok li jghalaq il-wine bar, kien ta struzzjonjiet lill-imjegat tieghu tal-Black Cat Bar biex jibqa' miftuh sabiex johrog ir-ricevuti fiskali mill-*cash register* funzjonanti t'hemmhekk la darba n-numru tal-VAT kien l-istess wiehed assenjat lill-wine bar. L-ispetturi ghalhekk accedew fil-Black Cat u hadu l-hekk imsejjah "X-reading" tal-magna minn fejn irrizulta biss bejgh ta' €65 u deherilhom illi dak li kien qal l-appellant ma kienx mis-sewwa;

(c) L-appellant izda spjega lill-din il-Qorti illi l-"X-reading" tal-Black Cat bilfors kien juri ammont zghir ta' bejgh ghaliex dak huwa biss bar u sa dak il-hin ma kienx ghad hemm min hallas ghas-servizz mill-wine bar peress illi kien ghadu kemm jiftah u naturalment il-hlas isir biss wara li l-klijent ikun lest mill-ikel. Oltre s-sintesi appena maghmulha, s-segwenti fatti huma ta' mportanza ghal-kwistjoni hawn devoluta: l-ispezzjoni bdiet fil-11.15 pm ta'filghaxija u ntemmet fil-11.30 pm; z-"Z-reading" tal-bar Black Cat mehud fl-1 ta' Ottubru 2012 fil-hin 00:57 kien ta' €424.20; meta saret l-ispezzjoni fil-wine bar kien hemm madwar ghoxrin ruh bhala klijent izda hadd minnhom

ma kien ghadu hallas sa dak il-hin; skond l-appellant, il-wine bar jiftah ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija izda n-nies jibdew gejjin wara d-disgha sal-habta tal-ghaxra u nofs; il-Black Cat bar ibigh biss xorb u jitah fis-sebgha ta' filghaxija; z-"Z-reading" tal-Black Cat wara l-eghluq tieghu kif ukoll allura tal-wine bar kien juri bejgh totali ta' €424.20;

2. L-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin sia tal-ligi kif ukoll tal-fatti meta sabet lill-appellant hati. Fl-aggravji tieghu imbaghad l-appellant jargumenta illi: l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha fil-grad rikjest mil-ligi, illi kien attrezzat b'*cash register* skond kif titlob il-ligi, illi hadd ma xehed li qatt ma nhargu ricevuti u li dan kollu jekwivali ghall-dubju ragjonevoli li ghandu jmur favur l-appellant;

3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti thoss li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. L-ewwel Qorti sabet htija fl-appellant fl-ewwel imputazzjoni u astjeniet mit-tieni imputazzjoni ghaliex kienet alternattiva ghall-ewwel wahda. L-appellant izda kien akkuzat b'imputazzjoni wahda u l-fatti lilu imputati jistghu biss ikunu identifikabbli mal-artikolu 77(o) tal-Kapitolu 406 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalkemm il-prosekuzzjoni mhix obbligata tirriproduci kelma b'kelma l-provvediment tal-ligi imputabbli, l-fatti hekk imputabbli iridu dejjem ikunu tali li jistghu ikunu identifikabbli ma' provvediment jew provvedimenti tal-ligi b'mod li l-imputat ikun jista' jhejji ghad-difiza tieghu. F'dan il-kaz, l-artikolu 51 tal-Kap 406, nuqqas li tipprovdi fattura, ricevuta jew dokument iehor wara provvista, mhux applikabbli anke ghaliex mix-xhieda tal-istess spetturi, kif ser jirrizulta, ma raw lill-hadd ihallas u jitlaq mill-post sakemm damu hemm;

3. Kwantu ghall-fatti kif sommati *supra* ma jistghax jinghad li hemm xi ekwivoku dwarhom. L-appellant kien qieghed jopera stabbiliment tal-ikel li dak il-hin, anke jekk minhabba hsara teknika, ma kienx munit b'"*cash register*"

funzjonanti jew b'ricevuti fiskali manwali ex artikolu 71(o) tal-Kap 406. Dan il-fatt huwa wkoll ammess mill-istess appellant u ghalhekk il-fatt huwa teknikament pruvat. Madankollu, kif gia senjalat *supra*, mill-provi akkolti jemergu fatti ohra li certament huma meritevoli ta' kunsiderazzjoni ulterjuri;

4. L-appellant irrimedja s-sitwazzjoni billi, skond ix-xhieda tieghu korroborata bil-produzzjoni ta' Z-reading u xhud iehor, hareg ricevuti mill-istabiliment li jinsab tlieta jew erba' bibien 'l fuq li jappartjeni lilu u li jopera taht l-istess numru tal-VAT. Dan ma kienx xi arrangament fit-tul izda kien necessitat mill-fatt illi l-hsara fil-*cash register* kienet nnutata proprju il-Gimgha meta kien impossibbli li jiehu l-magna ghat-tiswija bl-uniku alternattiva li jghalaq il-hanut ghall-jiem tal-Gimgha, Sibt u Hadd. Huwa minnu illi l-appellant kien fid-dover li jkun munit b'ricevuti mannwali u ta' dan, il-Qorti ma tistghax ma tikkummentax li kien skorrett. Issa, huwa minnu illi, kif gustament issenjala l-appellant, din il-Qorti, diversament presjeduta, ma kienitx sabet htija fl-appellant meta ddikjarat li l-azzjoni ma kienetx tali li kkawzat xi nuqqas ghall-erarju (ara Pulizija vs Alexander Fenech App Krim 4. 12.2104). Tajjeb illi f'dan l-istadju jkun mfakkar il-monitu wisq drabi maghmul mill-Qrati taghna illi kull kaz ghandu jkun deciz fuq il-mertu tieghu u fuq dawk il-fatti partikolari ghal-dak il-kaz;

5. Fil-kaz hawn skrutinat, l-ispetturi tal-VAT ma raw ebda persuna thallas fil-hin li ghamlu fuq il-post u dan ghaliex il-klijenti kienu ghadhom bilqieghda jieklu u jixorbu u hadd minnhom, sa dak il-hin, ma kien talab il-kont. Meta talbu X-reading mill-*cash register* tal-Black Cat sabu total ta' bejgh li deherilhom li kien baxx wisq, izda kif spjega l-appellant, sa dak il-hin hadd ma kien ghadu hallas fil-wine bar fejn il-*cash register* ma kienx jiffunzjona u dan ghaliex kien ghadu kmieni stante li n-nies generalment jibdew jingemghu wara l-10.30 pm. Minn dawn il-fatti wahidhom isegwi illi s-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti ghal-ksur ta' l-artikolu 51 tal-Kap 406, ossia l-indikazzjoni ta' dan l-artikolu fis-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti, ma kienx korrett.

Isegwi ukoll illi l-ispetturi tal-VAT ghagglu fil-konkluzzjoni taghhom meta kkonkludew illi ma kienx qed ikun registrat il-bejgh fil-*cash register* tal-Black Cat. Issa kif, gia spjegat supra, n-nuqqas ta' *cash register* funzjonanti u n-nuqqas ta' ricevuti mannwali fuq il-post huwa teknikament ksur tal-ligi. Madanakollu, din il-Qorti tosserva illi l-Iskeda Tlettax tal-Kap 406 tipprovdi illi f'kaz li ghal-raguni valida persuna ma tkunx tista' tipprovdi ricevuta fiskali mahruga minn *cash register* ghandha tohrog ricevuta fiskali f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju ex artikolu 3 jew hekk imsejjah parita 3. Il-partita 3(3) Skeda Tlettax imbaghad tipprovdi illi ma ghandux jitqies bhala raguni valida difett fit-thaddim ta' *cash register* fiskali hlief meta jkunu ttiehdu mizuri ta' malajr u ragonevoli biex dawk id-difetti jkunu jistghu jitrangaw. Applikat dan ghal kaz odjern, l-appellant wera kif huwa ghamel dak li seta biex jirmedja billi uza *cash register* ta' stabbiliment iehor, fl-istess generu, ftit metri 'l boghod, bl-istess VAT number izda b'isem differenti, a spejjez tieghu billi zamm persuna bis-sahra apposta f'dak l-istabilment l-iehor u anke hawn, l-erarju ma sofra ebda konsegwenzi;

6. Tenut dan kollu, din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment issib htija kontra l-appellant u ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata, ma ssibx lill-appellant hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.